MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-17 ta' April, 2008

Numru. 49/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI STRUTTORJA**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 17 TA’ APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**BRIAN PULIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Brian Pulis ta’ 31 sena, bin Benedict u Mary nee’ Vella, mwieled nhar l-14 ta’ Settembru 1975, u residenti fil-fond ‘Farm House’, Triq Pawlu Scicluna, Zabbar, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 453975(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1. nhar is- 17 ta’ Jannar 2008 ghall- habta ta’ xi 6.00 a.m bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe’ ferita ta’ natura gravi fuq il- persuni ta’ martu Antonella Pulis kif ukoll fuq il-persuni tal- genituri taghha Emanuel u Josephine Grech minn Zabbar, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, billi kkommetta tentattiv ta’ ferita gravi fuqhom, meta saq dan il- van tieghu tal-ghamla Mitsubishi bin- numru tar- registrazzjoni IAU-254 fid- direzzjoni taghhom, kif ukoll meta hebb ghalihom b’ hadida, liema delitti ma gewx esegwiti minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta’ tieghu;

2. Minghajr hsieb li joqtol jew li jiqieghed il- hajja tal-istess martu Antonella Pulis u tal- geniture taghha Emanuel u Josephine Grech f’ periklu car, hebb ghalihom u tahom diversi daqqiet ta’ ponn fejn ikkagunalhom hsara fil- gisem taghhom u cioe’ diversi feriti ta’ natura hafifa skond ma ccertifika Dr. A. Baldacchino MD., mic- Centru tas- Sahha ta’ Rahal Gdid

3. Hedded lill- imsemmija martu Antonella Pulis if ukoll lill- geniture taghha Emanuel u Josephine Grech bil-mewt;

4. Saq il- vettura tal- ghamla Mistubishi bin- numru tar- registrazzjoni IAU -254 b’ manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

5. Saq l- istess vettura b’giri aktar milli jmissu;

6. Kiser volontarjament il- bon- ordni jew il- kwiet tal- pubbliku b’ ghajjat u glied jew b’ mod iehor;

7. Qal kliem oxen fil- pubbliku li jikkonsisti f’ dagha;

8. Talli matul dawn l- ahhar erbgha snin qabel is- 17 ta’ Jannar 2008, b’ diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminjiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda , l- imgieba tieghu ikkagunat biza’ kbir lil martu Antonella Pulis li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il- propjeta’ taghha jew kontra l- persuna jew il- propjeta’ ta’ xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna ohra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat il- verbal ta’ 27 ta’ Marzu 2008 fejn il- parte civile Antionette Pulis, u Josephine u Emanuel Konjugi Grech talbu li din il- kawza titwaqqaf ai termini tal- proviso tal- paragrafu E tal- Artikolu 543 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:
Illi din il- Qorti kif preseduta kellha okkazjoni tezamina kaz simili fi 18 ta’ Dicembru 2006 fil- kawza fl-ismijiet Pulizija (Spettur Sharon Tanti) vs David Mifsud. F’dik il- kawza il- parte civile Svetlana Muscat kienet ghamlet l- istess talba ai terminu tal- Artikolu hawn fuq citat u l- Avukat Generali kien indika lill- Qorti li ai termini ta’ dik it- talba il- Qorti kellha tiddeciedi ghandhomx jitkomplew il- proceduri jew ghandhomx jitwaqqfu, u fil- kaz tal- ahhar, l- imputat kellu jigi liberat. Il- Qorti hekk fil- fatt kienet ghamlet u wara li kienet qieset ic- cirkostanzi kollha tal- kaz kienet laqghet it- talba tal- parte civile u lliberat lill- imputat.

Din il- kawza hija identika ghal dik ta’ David Mifsud. Il- Qorti kellha okkazjoni tistaqsi lil parte civile ir- raguni ghalfejn huma talbu li l- proceduri jitwaqqfu, u rat li hemm rikonciljazzjoni bejn l- imputat u l- mara tieghu u l- familjari taghha. Ghalhekk il- Qorti ma tarax li ghandha tkompli

tisma' xhieda f' din il- kawza peress li jidher car li l-incident li ta lok ghal din l- istess kawza illum huwa sorvolat.

Illi rigward l- imputazzjonijiet l- ohra il- Prosekuzzjoni ivverbalizzat li m'ghandiex provi u ghal daqstant il- Qorti in vista ta dak li kien gara fis- sentenza ta' David Misfud hawn fuq imsemmija setghat tghaddi ghas- sentenza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Wara li rat l-Artikoli 543(e), 545 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghal daqstant tilliberah.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------